# Eżami għall-Applikazzjoni għall-Awtorizzazzjoni għall-persuni li jagħmlu installazzjoni tal-Elettriku skont ir-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi (L.S. 545.24) – Jannar 2025

1. Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu li se jsiru eżamijiet tat-Teorija tal-Elettriku u tat-Teknoloġija tal-Installazzjoni Elettrika bejn **it-Tnejn 27 ta' Jannar 2025** u **l-Ħamis 30 ta' Jannar 2025** sabiex l-applikanti li jgħaddu jkunu jistgħu japplikaw għand ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) għall-ħruġ ta' Awtorizzazzjoni 'A' u 'B', kif stipulat fl-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545) u r-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi (L.S.545.24).

2. Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu wkoll li **l-Eżami Prattiku u l-Intervista** marbutin mal-Awtorizzazzjoni għall-persuni li jagħmlu installazzjoni tal-elettriku 'A' u 'B' ser isiru bejn **is-Sibt 22 ta' Marzu 2025** u t-**Tlieta 15 t'April 2025.**

3. Wieħed jista' jikseb kopja tas-sillabu mill-websajt tad-Dipartiment tal-Eżamijiet li jinsab f'dan il-URL https://myexams.gov.mt/mt/local-licences-examinations/

4. L-eżamijiet huma mqassma kif ġej:

**(a) Eżami għall-Awtorizzazzjoni 'A' - *Single Phase***

**Karta I** (Eżami bil-miktub)

Ħin: Sagħtejn (2)

Marka: 100% (Mass.), *Pass mark* 50%

**Karta II** (Eżami bil-miktub) .

Ħin: 3 sigħat

Marka: 100% (Mass.), *Pass mark* 50%

**Eżami Prattiku u l-Intervista**

Ħin: Siegħa

Prattiku: Marka (Mass. 70%)

Intervista: Marka (Mass. 30%)

Marka globali: 100% (Mass.), *Pass mark* 50%

**(b) Eżami għall-Awtorizzazzjoni 'B' - *Three Phase***

**Karta I** (Eżami bil-miktub)

Ħin: Sagħtejn (2)

Marka: 100% (Mass.), *Pass mark* 50%

**Karta II** (Eżami bil-miktub) .

Ħin: 3 sigħat

Marka: 100% (Mass.), *Pass mark* 50%

**Eżami Prattiku u l-Intervista**

Ħin: Siegħa

| | |
|---|---|
| Prattiku: | Marka (Mass. 70%) |
| Intervista: | Marka (Mass. 30%) |
| Marka globali: | 100% (Mass.), *Pass mark* 50% |

5. Il-kandidati jridu jgħaddu miż-żewġ karti tal-kitba fl-istess sessjoni tal-eżamijiet sabiex ikunu eliġibbli għall-Eżami Prattiku u l-Intervista.

6. L-applikanti li għaddew miż-żewġ karti bil-miktub iżda m'għaddewx fl-Eżami Prattiku u l-Intervista m'għandhomx għalfejn jerġgħu jpoġġu għall-karti bil-miktub sakemm l-eżami Prattiku u l-Intervista jsir fi żmien li ma jaqbiżx **is-sentejn** mis-sessjoni tal-eżami bil-miktub.

7. Biex il-kandidati jkunu jistgħu japplikaw mar-REWS għall-Awtorizzazzjoni 'A' jew Awtorizzazzjoni 'B' iridu jkunu kisbu *pass mark* fiz-**żewġ** karti (*Paper I u Paper II )* kif ukoll kisbu *pass mark* fl-Eżami Prattiku u l-Intervista.

8. Il-kandidati jistgħu japplikaw onlajn billi jidħlu fit-sit https://myexams.gov.mt/applications/ bejn **it-Tnejn 11 ta' Novembru 2024** u **l-Ġimgħa 22 ta' Novembru 2024.**

9. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

10. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali għandu s-setgħa li jittratta sommarjament ma' kull kandidat li, waqt li jkun qiegħed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ta' xi ksur **'tal-Istruzzjonijiet ta' Gwida lill-Kandidati'** li kienu mehmuża man-notifika tal-eżami.

11. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami u/jew jiddiskwalifika kandidat/i jekk tinstab xi irregolarità. Tħassir u/jew diskwalifika bħal dan/dawn jista' jkun fl-eżami kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun f'karta waħda biss jew stadju partikulari tal-eżami.